23 ta' Mejju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Anna Portelli *versus* Avukat Dr. Anthony A. Pullicino et. ne.

**Separazzjoni tal-Beni — Dotarju — Mara — Dota — Art. 1357 u 1377 tal-Kodiċi Civili.**

*Meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, il-wegħda tad-dotarju favur il-mara hija preżunta; u d-dotarju jiġi stabbilit mill-Qorti skond il-mezzi tar-raġel, f'somma ta' mhux iżjed minn £200.*

*L-azzjoni tal-mara għas-separazzjoni tal-beni u għall-assenjazzjoni ta' beni tar-raġel biex jiġi assikurat il-ħlas tad-dotarju, hija akkordata lilha anki jekk hija ma tkun ġiebet ebda dota jew ma jkunx hemm stipulat favur tagħha d-dotarju; purkè jkun jeżisti d-diżordni fl-affarijiet tar-raġel li bih jkunu mqiegħda fil-periklu l-interessi tagħha.*

*Il-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-dotarju għandha ssir mill-Qorti skond is-sustanzi tar-raġel u l-kondizzjoni tal-miżżewġin fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom; u meta d-dota tal-mara tkun meskina, id-dotarju għandu jkun aktar pingwi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi talbet li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi minħabba t-taħwid fl-affarijiet ta' l-imsemmi Giorgio Portelli l-attriċi għandha raġuni li tibża' li bwejġu ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw id-drittijiet tagħha għall-ħlas tad-dotarju, kif jidher mill-proċeduri li saru kontra tiegħu mill-konvenuti l-oħra; (1) tiġi likwidata mill-Qorti dik is-somma li jista' jmissha l-attriċi b'titolu ta' dotarju għall-finijiet ta' l-art. 1357 (2) tal-Kodiċi Civili; (2) tiġi pronunzjata s-separazzjoni tal-beni bejn l-attriċi u żewġha; (3) tiġi ordnata l-assikurazzjoni tad-dotarju, u l-assenjazzjoni u segregazzjoni ta' daqshekk beni ta' żewġha daqs kemm ikunu jeħtieġu biex jagħmlu tajjeb għad-dotarju; (4) tiġi maħlula l-ko-

munjoni ta' l-akkwisti bejn l-attriċi u żewġha; u (6) jiġu nominati nutar biex jirċievi l-kuntratt meħtieġ u kuratur biex jidher għall-kontumaċi. B'riżerva ta' kull dritt tar-revoka ta' l-atti kawtelatorji jew eżekutivi fuq l-oġġetti li jiġu kif fuq assenjati, quddiem il-Qorti kompetenti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom;

Ikkunsidrat;

*Omissis*;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attriċi, minħabba d-dissesi finanzjarju ta' żewġha, li jista' jipperikola l-interessi tagħha, qiegħda "*in primis*" titlob li tiġi, skond kif hemm maħsub fl-art. 1357 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, likwidata lilha somma bħala u in titolu ta' dotarju; it-tieni nett, li tiġi pronunzjata............;

Ikkunsidrat;

Illi mhux in kontestazzjoni li jeżisti d-dissest finanzjarju ta' Ġorġ Portelli;

Illi l-ewwel talba tikkonċerni l-likwidazzjoni tas-somma bħala dotarju;

Illi skond l-art. 1357 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, il-wegħda tad-dotarju hija preżunta; u l-istess, f'dan il-każ, jiġi stabbilit mill-Qorti skond il-mezzi tar-raġel f'somma ta' mhux iżjed minn mitejn lira. Id-dotarju, jew dotalizju, jew kontradoti ("antiferne"), kif kien jissejjaħ fl-antik, u għadu l-lum jiġi msejjaħ f'xi kodiċi fejn jinstab, jiddixxendi mhux mid-Dritt Ruman, bħal ma jitnisslu ħafna mill-istituti tagħna, iżda mill-konswetudinijiet tal-Ġermanja, imdaħħla u mxerrda minnha minn Normanni (ara La Mantea 1. c) per mezz ta' Sqallija. Fid-Dritt Muniċipali (Kodiċi De Rohan, para. 33, *Liber III, Capo 5*), kien jiġi kalkulat skond u b'rigward għad-dota; imma Sir Adrian Dingli, meta ikkoordina u għamel il-liġijiet li fuqhom huma bażati dawk tal-lum in vigore, abolixxa l-kliem tal-Kodiċi Muniċipali, fis-sens li d-dotarju kellu jkun taxxat u likwidat mill-Imħallef "avuto riguardo alla dote", l-għaliex mexa fuq il-ħsieb li aktar ma tkun mżera d-dota aktar u aktar kellu jikber id-dotarju, li qal li seta' jiġi mogħti anki fejn ma jkunx hemm dota (ara Osservazzjonijiet

u Kommenti ta' Sir Adrian Dingli fuq l-Abbozz ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868);

Illi l-konvenut Agostino Bartolo eċċepixxa l-intempestività ta' l-azzjoni attriċi, oltre l-infondatezza fil-meritu;

Illi dwar l-intempestività jingħad li mis-sens ta' l-art. 1377, u partikularment mis-subsezzjoni (2) ta' dak l-artikolu, ma jistax jiġi dubitat li lill-mara miżżewġa hija akkordata dina l-azzjoni odjerna anki jekk l-istess mara ma tkunx ġiebet ebda dota, jew ma jkunx ġie stipulat favur tagħha dotarju, l-għaliex dan, bħall-komunjoni ta' l-akkwisti li ma tkunx pattwita, u li sseħħ "ipso jure", huwa preżunt skond il-liġi; purkè jkun jeżisti d-diżordni fl-affarijiet tar-raġel, li bih ikunu mqegħdin in perikolu l-interessi tagħha. Għalkemm dina l-kwistjoni baqgħet ma ġietx xjolta fil-Kodiċi Ċivili Franċiż, eppure t-Touillier, li jikkontempla l-każ jekk il-mara miżżewġa li ma tkunx ġiebet dota tistax jew le tmexxi 'l quddiem l-azzjoni għas-separazzjoni tal-beni, jirrisolviha favur l-azzjoni anzikkè kontra, fuq l-awtorità tal-Pothier (ara Touillier, Vol. VII, pag. 24, para. 28, Ediz. Palermo, Fratelli Lauriel 1855; ara wkoll Duranton, Tomo 14, no. 403 u ta' wara; Delvincourt, Tomo 3, nota 3, paġ. 24; u Zachariae, Tomo 3, § 516, nota 7); u fl-istess sens jidher li riedha disposta l-leġislatur tagħna fl-artikolu fuq imsemmi, kif konfermat mill-ġurisprudenza tagħna (ara Vol. XVIII, P. I, paġ. 84, Appell 13 ta' Frar 1903 in re "Carmela Micallef et. vs. Giorgio Micallef et.", u l-istess Volum fuq ċitat P. II, paġ. 235, Prima Awla Civili 16 ta' Frar 1903 in re "Maria Carmela Vella vs. Costanzo Vella et.");

Illi minn dana jitnissel li l-intempestività opposta għattalba attriċi hija insussistenti;

Ikkunsidrat;

Illi, dwara li għidna dan, jingħad li dina l-Qorti sejra biex tgħaddi għat-tassazzjoni jew likwidazzjoni tad-dotarju mitlub mill-attriċi. Dana d-dotarju jrid jiġi fissat skond is-sustanzi tar-raġel u l-kondizzjonijiet tal-miżżewġin li jkunu għall-epoka taż-żwieġ tagħhom, kif dejjem ġie ritenut skond il-liġi u l-ġurisprudenza (ara Prim'Awla Civili 15 ta' Frar 1873 in re "Vella vs. Vella et.", Vol. VI, paġ. 424). F'dik l-epoka, għal ħabta ta' l-annu 1943, Ġorġ Portelli kien sempliċi lavrant

ma' missieru, li kien bejjiegħ il-laħam, u ma jirriżultax li kien jippossjedi beni di sorta, u kien biss kemm kemm u ħażin ħażin jaqla' dak li kien neċessarju għall-għajxien. Jekk huwa minnu dak li Sir Adrian Dingli mar igħid fin-Notamenti tiegħu dwar l-Abbozz ta' l-Ordinanza, li fejn id-dota tal-mara tkun meskina d-dotarju aktar għandu jkun pingwi, fil-każ in eżami, u dejjem relativament għall-kondizzjonijiet soċjali tal-miżżewġin Portelli, billi l-attriċi ma ġiebitx dota, l-ammont ta' £24. 5. 8½, fissat u likwidat bħala dotarju u kreditu eventwali, huwa ġust u adegwat; u huwa għalhekk li dina l-Qorti tiffissalh għal dik is-somma. U b'hekk tiddisponi mill-ewwel talba u l-oppożizzjonijiet dwarha;

Illi dwar it-tieni talba, kif ġà ntqal u kif jidher mill-proċess, jirriżulta a suffiċjenza mid-dissest finanzjarju tar-raġel ta' l-attriċi, li għalih jistgħu jkunu perikulati l-interessi tagħha fuq imsemmija; u kwindi ma jistax jingħad li hija infondata fil-meritu t-talba tagħha. B'mod li t-tieni talba għandha tiġi wkoll milqugħa;

Ikkunsidrat;

Illi dwar it-tielet talba, il-konvenuti taw diversi eċċezzjonijiet. Bl-eċċezzjoni ta' l-oppożizzjoni li Ġorġ Portelli għandu beni stabbli, kif jirriżulta mill-provi, u li fuqha dina l-Qorti sejra titkellem, u li mis-soluzzjoni tagħha l-eċċezzjonijiet l-oħra ġew newtralizzati, l-eżami u deċiżjoni ta' dawk l-istess eċċezzjonijiet l-oħra jirrendi ruħu inutili u inopportun;

Illi dwar l-eċċezzjoni li Ġorġ Portelli għandu beni stabbli, huwa tajjeb li jiġi rikjamat li skond l-art. 1379 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, l-assikurazzjoni tad-dota (u, jingħad mill-Qorti, anki impliċitament tad-dotarju, kif ġie deċiż li l-istess artikolu japplika ruħu għalih ukoll, non ostanti li fih tissemma biss id-dota, mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Novembru 1893 in re "Baldacchino vs. Saverio Diacono et.", Vol. XIII, paġ. 609) issir billi jiġu assenjati lill-mara beni immobili tar-raġel, jew, fin-nuqqas ta' dawn il-beni, jew bħala żieda magħhom, ħwejjeġ mobili, u f'dana l-aħħar każ bil-fakoltà lill-Qorti mogħtija fis-sezzjoni 2 ta' dak l-istess artikolu. Fil-każ in diżamina jirriżulta illi d-debitur u konvenut Ġorġ Portelli .................. lil Ġorġ Portelli jkun imissu kwo-

ta sufficjenti biex tagħmel tajjeb għall-assigurazzjoni tad-dotarju. Tabilħaqq, minn dak il-wirt u fl-ipotesi kontemplata imissu mill-parti ta' miss'eru............. Dik ir-rendita, kapitalizzata bit-3½% tiġi ġġib bejn wieħed u ieħor £97. 2. 7 kapital. Minn dan il-kapital jiġi mnaqqas l-użufrutt ta' omm Ġorġ Portelli fuq dik il-kwota; u dana l-użufrutt, valutat mill-Qorti sabiex jiġu evitati spejjeż lil kulħadd fuq il-bażi stabbilita mill-art. 10 (b) (1) tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, u kunsidrata l-użufruttwarja, li hija mara kbira li għandha fuq u aktar minn 40 sena, huwa tal-valur ta' ċirka £24. 5. 8½......
in-nuda proprjetà tal-kwota ta' Ġorġ Portelli tiġi valutata £72. 16. 1½, u ta' ammont tali li fuqha kwindi jista' jiġi assikurat id-dotarju likwidat lill-attriċi;

*Omissis;*

Illi kwindi, kif intqal fuq, minħabba dina l-assenjazzjoni l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza miġjuba 'l quddiem mill-konvenut Antonio Vella dwar l-assenjazzjoni tal-ħwejjeġ mobili minnu kolpiti b'mandat taħt l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerċ, ma hemmx aktar lokha; kif lanqas ma hemm aktar lok li jiġu eżaminati u deċiżi l-eċċezzjonijiet l-oħra, li, jingħad incidentalment, kollha ġew riżoluti minn dawn il-Qrati, kif jista' jidher mill-Kollezzjoni tas-sentenzi;

Illi r-raba' talba tista' tiġi, fuq il-provi li hemm, milqugħa;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tillikwida lill-attriċi, bħala dotarju għall-finijiet ta' l-art. 1357 (2) tal-Kodiċi Ċivili, l-ammont ta' £24. 5. 8½; u tgħid li minħabba d-dissest finanzjarju tal-konvenut Ġorġ Portelli hemm lok li tiġi pronunzjata s-separazzjoni tal-beni ta' l-attriċi mill-beni ta' żewġha; tordna li jingħata in assenjazzjoni u bħala assikurazzjoni tad-dotarju fuq imsemmi l-kwart tad-deċimu indiviż, suġġett għall-użufrutt fuq imsemmi, tal-post Triq Rjali, numri 86, 87 u 88, Mellieħa, li huwa l-uniku stabili li jidħol fil-wirt ta' missier ir-raġel ta' l-attriċi..........; tixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti mil-lum; u għall-finijiet ta' l-aħħar talba tinnomina lin-Nutar..........; u fl-aħħarnett, in vista ta' dik l-assenjazzjoni immobiljari, tgħid li ma hemmx lok li tiddeċidi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza dwar l-assenjazzjoni tal-ħwejjeġ maq-

buda taħt l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerċ, il-għaliex ebda minn dawk l-oġġetti mobili ma ġew segregati għall-assikurazzjoni msemmija, kif ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-konvenuti u li ma ġewx hawn maqtugħa; salvo li, jingħad għal kwalunkwe fini, jibqgħu miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-intempestività u infondatezza ta' l-azzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu mid-debitur Ġorġ Portelli; dawk tal-kuntratt ordnat u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi jitħallsu preventivament mill-attriċi, bid-dritt tar-rivalsa diretta kontra żewġha għalihom. U b'hekk tponi fini għall-kawża f'dina l-istanza.